**Parlament Ewropew**
2014-2019

**0090/2016**

12.9.2016

# DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar id-difiża tal-libertà tal-espressjoni u d-drittijiet tal-bniedem fit-Turkija

**Kostas Chrysogonos (GUE/NGL), Manolis Kefalogiannis (PPE), Takis Hadjigeorgiou (GUE/NGL), Costas Mavrides (S&D), Martina Michels (GUE/NGL), Eleni Theocharous (ECR), Elissavet Vozemberg-Vrionidi (PPE), Renate Sommer (PPE), Eva Kaili (S&D), Sofia Sakorafa (GUE/NGL)**

Data ta' skadenza: 12.12.2016

**0090/2016**

**Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, dwar id-difiża tal-libertà tal-espressjoni u d-drittijiet tal-bniedem fit-Turkija**[1]

1. Ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-promozzjoni tad-demokrazija huma fost il-valuri fundaturi tal-Unjoni Ewropea, li esprimiet l-impenn tagħha favur il-libertà tal-espressjoni; l-Istati Membri huma mitluba jiddefendu din il-libertà fi ħdan l-Unjoni Ewropea u lil hinn minnha.

2. Qed jikber it-tħassib dwar il-liġi reċenti, adottata fl-20 ta' Mejju 2016 mill-Parlament Tork, li tirrinunzja l-immunità tal-membri tal-Gran Assemblea Nazzjonali Torka u tista' twassal ukoll għal diskriminazzjoni politika, b'mod partikolari kontra membri tal-oppożizzjoni u tal-minoranza Kurda.

3. Hemm ukoll tħassib serju dwar proċeduri leġiżlattivi u politiċi li jwasslu għal dominazzjoni mhux ikkuntestata tal-President tal-istat Tork, permezz ta' proposti għal emendi kostituzzjonali.

4. Il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà/Viċi President tal-Kummissjoni (RGħ/VP) huma mitluba jikkundannaw tali proċeduri, li jmorru kontra l-valuri fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

5. Ir-RGħ/VP hi mitluba twieġeb għal din is-sitwazzjoni bl-għan li jiġi żgurat ir-rispett tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem fit-Turkija.

6. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, hi mibgħuta lill-Kummissjoni u lir-RGħ/VP.

[1] Skont l-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta dikjarazzjoni tkun iffirmata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, din tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.